



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2020/2149(DEC)

27.01.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, Taqsima X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
(2020/2149(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Nikos Androulakis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li qiegħda tikber l-instabbiltà u li qegħdin jinbtu sfidi bla preċedent fix-xena internazzjonali, fatt li jżid il-ħtieġa biex l-Unjoni taġixxi bħala attur globali; jenfasizza r-rwol ċentrali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fit-twettiq tal-politika esterna tal-Unjoni; jinnota li r-rwol imsaħħaħ tas-SEAE ma ġiex mirfud minn żieda korrispondenti ta' persunal; jappella li biżżejjed riżorsi umani jitqiegħdu għad-dispożizzjoni sabiex l-effikaċja tal-Unjoni fix-xena internazzjonali ma titpoġġiex f'riskju;
2. Jinnota l-iżbilanċi persistenti f'termini ġeografiċi u ta' ġeneru fost il-persunal tas-SEAE, dan minkejja x-xejriet pożittivi tul dawn l-aħħar snin; itenni l-importanza li tiġi garantita distribuzzjoni bilanċjata tal-persunal f'termini ta' ġeneru u ta' oriġini ġeografika fi ħdan kategoriji u gradi differenti, partikolarment fil-livelli ta' maniġment intermedju u superjuri; jinsab imħasseb dwar il-fatt li n-nisa jirrappreżentaw ferm inqas minn 50 % tal-forza tax-xogħol tas-SEAE fil-maniġment intermedju u fil-maniġment superjuri, u li l-aħħar ħatriet f'karigi ewlenin irriżultaw fi tmexxija totalment maskili tas-SEAE; jistieden lis-SEAE jaħdem malajr lejn l-oġettiv ta' 50 % tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri u intermedju, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III, inkluż permezz ta' kalendarju ċar u miżuri li jistabbilixxu meta u kif jinkiseb dak l-oġettiv; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jimplimenta l-impjenji ddikjarati tiegħu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rappreżentanza tan-nisa fis-servizz tiegħu stess u jappella għal aktar trasparenza fid-deċiżjonijiet dwar il-ħatriet tal-maniġment intermedju u superjuri; jindika wkoll is-sovrarappreżentanza persistenti tad-diplomatiċi ta' xi Stati Membri fost il-livelli tal-kapijiet tad-delegazzjoni u tal-maniġment superjuri; jappella għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati dawk l-iżbilanċi u jenfasizza l-fatt li titjib fil-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri fis-SEAE jikkontribwixxi għat-titjib tal-koerenza tal-Unjoni fl-inizjattivi ta' azzjoni esterna;
3. Jisħaq fuq l-importanza li jkompli t-titjib tar-razzjonalizzazzjoni u tal-modernizzazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja u amministrattiva; jilqa' d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar is-semplifikazzjonijiet tal-baġit tas-SEAE; jirrimarka f'dan ir-rigward il-ħtieġa li s-SEAE jkompli bl-isforzi tiegħu sabiex jikseb is-semplifikazzjoni tal-linji baġitarji; jappella għall-modernizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-amministrazzjoni tas-SEAE, anke permezz ta' implimentazzjoni sħiħa tal-proġett "Innovative 2019";
4. Jisħaq fuq l-importanza tal-kultura ta' sigurtà u sikurezza fl-entitajiet kollha billi jiġi żgurati li s-SEAE jkollu persunal, proċeduri, infrastruttura, għodod (inkluż l-IT) u baġit adegwati biex iwettaq il-funzjonijiet kritiċi u essenzjali tiegħu f'każ ta' sitwazzjonijiet mhux mistennija jew ta' kriżi; jappella biex jitnaqqsu r-riskji għas-sigurtà, speċjalment dawk relatati maċ-ċibersigurtà billi jiżdiedu l-miżuri ta' sikurezza li jipproteġu l-infrastruttura diġitali tas-SEAE minn theddid u attakki esterni;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm komunikazzjoni strateġika, biex tiġi miġġielda l-interferenza malizzjuża inklużi l-propaganda barranija u d-diżinformazzjoni; jissottolinja l-importanza tat-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE u jappella għall-ħolqien ta' Task Forces għall-Komunikazzjoni Strateġika ddedikati għall-indhila miċ-Ċina u mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari mill-Iran, u li dawn jingħataw aktar riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa; jisħaq li l-komunikazzjoni strateġika trid tinkludi l-għlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar il-pandemija tal-COVID-19;
6. Jenfasizza l-ħtieġa li s-SEAE jikkonforma bis-sħiħ mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta, b'mod partikolari biex jipproteġi lill-informaturi *in bona fide* kontra kwalunkwe forma ta' preġudizzju.
7. Jiddispijaċi li rakkomandazzjoni waħda biss mit-tmienja fformulati fir-rapport tal-2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar kif is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiġġestixxi l-binjiet tiegħu madwar id-dinja ġiet implimentata bis-sħiħ u tliet rakkomandazzjonijiet ġew implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti tagħhom; jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u rapida tar-rakkomandazzjonijiet kollha li fadal;
8. Jenfasizza l-ħtieġa dejjem tikber għal politika koerenti u aġġornata bejn l-UE u l-Artiku; jinnota li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali propost jiftaħ opportunitajiet għall-finanzjament tar-reġjun Artiku;
9. Jinnota li s-SEAE jiżvolġi rwol kruċjali biex jiżgura l-koerenza tal-politika barranija tal-Unjoni; jenfasizza wkoll il-bżonn jiġu fornuti r-riżorsi meħtieġa għal implimentazzjoni b'suċċess ta' politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE;
10. Jistieden lis-SEAE jsaħħaħ id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fis-Sħubija tal-Lvant u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u joħloq postijiet tax-xogħol għal aġenti lokali, responsabbli għar-rappurtar dwar il-ħidma leġiżlattiva sabiex jiżdied il-fehim tal-Unjoni dwar il-viċinat u l-approssimazzjoni tiegħu mal-*acquis* tal-Unjoni; jissottolinja l-ħtieġa ta' assistenza għal dawn il-pajjiżi biex ilestu r-riformi u jikkomunikaw b'mod aktar effettiv il-politiki tal-Unjoni liċ-ċittadini tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati rabtiet aktar orizzontali u titrawwem il-kooperazzjoni fost id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjuni tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti skambji regolari ta' informazzjoni u għarfien espert u metodi ta' ħidma oħra ta' suċċess, sabiex tingħata l-aħjar assistenza possibbli lill-pajjiżi ġirien involuti friformi favur id-demokrazija u l-Ewropa; jistieden lis-SEAE jieħu azzjoni biex isolvi l-problemi li jwasslu għal żbalji identifikati fil-qasam tal-akkwist u biex jipprevjeni l-ksur tar-regoli rilevanti fil-futur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	26.1.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 -: 7 0: 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Karol Karski, Dietmar Köster, Stelios Kouloglou, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Claudiu Manda, Lukas Mandl, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Giuliano Pisapia, Jérôme Rivière, María Soraya Rodríguez Ramos, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Malik Azmani, Vladimír Bilčík, Özlem Demirel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

52	+
NI	Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Vladimír Bilčík, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Kinga Gál, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Claudiu Manda, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Isabel Santos, Andreas Schieder, Sergei Stanishev, Nacho Sánchez Amor
Verts/ALE	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Salima Yenbou

7	-
ID	Lars Patrick Berg, Thierry Mariani, Jérôme Rivière, Harald Vilimsky
The Left	Özlem Demirel, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz

9	0
ECR	Anna Fotyga, Karol Karski, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
The Left	Stelios Kouloglou

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni